IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru71(wieħed u sebgħin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar l-Erbħga 20 ta' Marzu, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **Assenti b'Apoloġija** | |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**71.1. Item Nru 71.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

71.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.15 u kulħadd kien preżenzi.

**71.2. Item Nru. 71.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

71.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u approvati.

**71.3. Item Nru. 71.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

71.3.1 Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħol taħt l-iskem Latrini Awtomatiċi, proġett iffinanzjat mir-Reġjun, u qal li l-ispiża ser tkun ta' madwar 13,000 inkluż il-VAT.

71.3.2 Is-Sindku qal li x-xogħol ta' Enemalta kważi lest. Hu spjega li ħadmu żewġ kuntratturi u s'issa l-ewwel kuntrattur, Excel Sis lesti u jonqos l-asfalt tal-kuntrattur l-ieħor ir-Rockcut.

71.3.3 Is-Sindku qal li Triq San Elija tlestiet mit-tarmac u issa jonqos biss li jsirula l-linji u tabelli. Dan kien xogħol ta' infrastruttura Malta parti mil-programm ta' toroq li ser isiru fix-Xgħajra..

71.3.4 Is-Sur Attard ippropona li nibdew xogħol ta' refreshing fi Triq il-Knisja u mbgħad inqabbdu kuntrattur sabiex jagħmel ukoll il-linji tan-nofs u oħrajn bil-magna.

71.3.5 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema ta' Attivitajiet u qal li tajjeb li għal din is-sena napplikaw għal waħda fis-Sajf tal-Gostra li ssir f'Awwissu u oħra għall-Milied. In-numru tal-iskema huwa SPI/SCI/5/2024.

Kulħadd qabel li l-Kunsill japplika għaż-żewġ avvenimenti.

71.3.6 Is-Sindku qal li għandna fondi a disposizzjoni mir-Regjun li nistgħu nużawhom f'attivitajiet. Il-qbil huwa li għax-Xgħajra għandna €13,000 adisposizjoni. Is-Sindku ippropona li bihom isiru żewġ attivitajiet waħda tal-Għid fl-iskola għat tfal u oħra fis-26 ta' Mejju għall-familja kollha.

Fl-attività tal-għid it-tfal ser ikollhom spettaklu kif ukoll jingħataw bajda tal-għid. Imbgħad l-attività tas-26 ta' Mejju ser ikun hemm spettaklu għal kulħadd u logħob għat tfal.

71.3.7 Is-Sindku ippropona li l-bankijiet tal-Fort Park jinbidlu għaliex jinsabu fi stat ħażin ħafna u wara li ġibna l-istimi ser jiġu jiswew madwar 600 il-wieħed minajr il-VAT.

71.3.8 Is-Sindku qal li ser ikollna ħaddiema mir-Reġjun assenjati magħna għal xahar u ppropona li jagħmlu xogħol ta' ħajt fi Sqaq San Lawrenz għaliex jinsab perikoluż. Il-Kunsill ser ikun qiegħed iħallas il-materjal u skips. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

71.3.9 Is-Sindku ikkonferma li r-roundabout ser tkun qed tinqata u jieħdu ħsieba Ambjent Malta u l-Kunsill mhux ser ikun qiegħed iħallas għal dan is-servizz.

71.3.10 Is-Sindku ippropona li nagħtu rikonoxximent lil Gulia Agius minn Triq l-Ispnott li irrappreżentat lix-Xgħajra fil-modelling bħala Miss Xgħajra. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

71.3.11 Is-Sur Attard qal li l-ħajt tas-sejjiegħ ta' Triq Karmelo Ritchie u Triq Fortizza tal-Grazzja beda u hemm il-pjan li jdum għaddej madwar xahar. Dan ix-xogħol qiegħed isir minn Infrastruttura Malta wara pressjoni b'diversi emails u laqgħat mil-Kunsill. Għal dan nirringrazzjaw ukoll lic-CEO Ivan Falzon.

**71.4 Item Nru 71.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

71.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet

**71.5 Item Nru. 71.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

71.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**71.6 Item Nru. 71.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

71.6.1 Xogħol ieħor ġie diskuss aktar kmieni fil-laqgħa.

**71.7 Item Nru. 71.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

71.7.1 Pagamenti b'numru 132 ġew approvati unanimament.

**71.8 Item Nru. 71.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

71.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**71.9 Item Nru. 71.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

71.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.05pm. Aġġornament għal nhar it-Tlieta 30 ta' April.

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku